# *MINUTI*

## *KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ (IT-TIELET KUNSILL)*

### *LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U ĦAMSIN*

***11 ta' Jannar, 2002***

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab Dar Mattia Preti, 4, Triq il-Fjuri, fis-6.25 ta' filgħaxija.*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, ippresediet.*

### *PREŻENTI*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, l-Kunsillier Mario Sammut, l-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo, l-Kunsillier Joseph D'Amato u l-Kunsillier Emanuel Briffa.*

*Il-Kunsillier Raymond Grixti kien preżenti għal-laqgħa mis-6.35pm 'il quddiem.*

*Il-Viċi Sindku Mark Spiteri kien preżenti għal-laqgħa mis-7.15pm 'il quddiem.*

### *MINUTI*

***54.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

***54.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti***

*KLZ01/02 Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 53 kif ippreżentati."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u għaddiet nem.con.*

***54.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

***54.2.1 Ringrazzjament mis-soċjeta MUSEUM***

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill b'kartolina ta' ringrazzjament u tifkira li ngħataw lil Kunsill mis-soċjeta tal-MUSEUM tas-subien għal għajnuna mogħtija sabiex ġiet organizzata l-purċissjoni tal-Milied.*

***54.2.2 Reġistrazzjoni tal-indirzz tal-web page***

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li l-aġenzija governattiva responsabbli kienet irreġisrat għan-nom tal-Kunsill, l-indirizz www.zurrieq.gov.mt bħala s-sit li fuqu ser tittella l-web site taż-Żurrieq.*

*Il-Kunsillier Raymond Grixti daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju (6.35pm)*

***54.6.11Ismijiet tat-Toroq***

*Is-Sindku nfurmat lil Membri li l-ismijiet tat-toroq kif kienu ġew proposti mill-Kunsill kienu ġew aċċetati u ppublikati fil-Gazetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Jannar, 2002. Kienet ġiet ukoll risolta l-problema li kien hemm fil-parti ta' Triq Bubaqra.*

***54.2.4 Konfini ġodda għal Bubaqra***

*F'dan l-istadju tal-laqgħa s-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-kamra kopja emendata tal-konfini ta' Bubaqra, mħejjija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali b'ko-ordinazzjoni mal-Kunsill.*

*Wara disukssjoni li saret fuq din il-proposta, il-Kunsill unanimament approva l-proposta billi t-talbiet tiegħu ġew kollha milqugħa.*

***54.2.5 Sistema kompjuterizzata ta' l-Ilmenti***

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li skond avviż maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, s-sistema kompjuterizzata ta' l-ilmenti ser tkun tibda titħaddem mill-14 ta' Jannar li ġej.*

***54.2.6 Aċċettazzjoni ta' Proġett***

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li l-kumpanija Thomson Services Malta Limited kienet aċċettat il-proposta tal-Kunsill sabiex il-proġett għal Ħal Millieri jkun jiġi kkunsidrat ma' 15-il proposta oħra għal għoti tal-Malta Heritage & Environment Fund.*

***54.2.7 Sena Internazzjonali ta' l-Eco Tourism***

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien qed iħeġġeġ għal parteċipazzjoni f'attivitajiet li ser isiru matul din is-sena. Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo kien inkarigat iħejji xi proposti.*

***54.2.8 Seminar dwar l-Estimi Annwali***

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadu ma infurmax lil Kunsill bl-allokazzjoni għas-sena finanzjarja li jmiss u għaldaqstant mhux ser ikun possibli li s-seminar ippjanat għas-26 u s-27 ta' Jannar jittella. Dan billi ser ikun hemm bdil sostanzjali fil-metodu ta' l-allokazzjoni u għaldaqstant ma tkunx tista tinbeda l-ħidma dwar l-Estimi Annwali.*

***54.2.9 Devoluzzjoni tad-Dwal tat-Toroq***

*Is-Sindku nfurmat lil Membri li kienet inżammet laqgħa oħra tar-reġjun li jinkludi ż-Żurrieq, dwar id-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq. Minnha ma ħarġet l-ebda deċizjoni konklussiva billi kien hemm xi Kunsilli Lokali li għad għandhom xi problemi. Il-Kunsill filwaqt li sostna l-parteċipazzjoni tiegħu fil-proġett, kien ser jistenna r-riżultat ta' laqgħa oħra tar-Reġjun.*

### *53.3 Ilmenti tar-Residenti (Diċembru,2001)*

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport ta' l-Ilmenti tar-Residenti għax-xahar ta' Dicembru, 2001. Kienu meħuda dawn id-deċiżjonijiet mill-Kunsill fir-rigward ta' lmenti pendenti:*

***Ilment Numru 2299 - Triq Wied Babu***
*Il-Kunsill ma qabilx li ssir pedestrian crossing jew sleeping policeman f'din it-triq.*

***Ilment Numru 2300 - Triq il-Ħaddiem***
*Il-Kunsill wara li kkunsidra dan il-każ, qabel li ssir kommunikazzjoni ma' l-Għassa tal-Pulizija fejn tintalab prova billi l-Pulizija li jkun preżenti waqt il-ħin ta' l-iskola joqogħod f'tarf din i-triq. Fl-eventwalita li jkun hemm bżonn ta' Pulizija ieħor il-Kunsill approva li jidħol ukoll għal din l-ispiża.*

***Ilment Numru 2303 - Triq San Bartilmew***
*Il-Kunsill qabel li jirriferi dan l-ilment lil Perit.*

***Ilment Numru 2313 - Triq il-Mitħna***
*Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li twaħħlu bollards sabiex jipproteġu din ir-residenza.*

***Ilment Numru 2315 - Mitħna tax-Xarolla***
*Kien inottat mill-Kunsill li x-xogħol mitlub kien twettaq.*

*Il-Viċi Sindku Mark Spiteri daħal għal-laqgha f'dan l-istadju (7.15pm).*

***Ilment Numru 2334 - Triq il-Barrieri***
*Il-Kunsill qabel li ssir l-ordni tax-xogħol għat-tiswija tat-triq u l-bankina mitluba ssir meta jitkompla l-għoti tat-tarmakk.*

***Ilment Numru 2345 - Sqaq Sant'Andrija***
*Il-Kunsill qabel li ssir it-tiswija mitluba.*

***Ilment Numru 2347 - Triq San Bartilmew***
*Il-Kunsill qabel li ssir spezzjoni mill-Kunsillier Joseph D'Amato dwar il-bżonn tax-xogħol mitlub.*

***Ilmenti mressqa waqt il-laqgħa - Ġbir ta' Skart***
*Wara diskussjoni li saret mill-Kunsill wara is-sistema l-ġdida ta' skart kien inottat li l-ammont ta' l-ilmenti kien qed jonqos. Ġie wkoll deċiż mill-Kunsill li l-iskip li tinsab fi Triq Wied Babu tittella aktar 'il fuq lejn Misraħ Karmelitani.*

*F'dan l-istadju tal-laqgha s-Sindku nfurmat lil Kunsill b'mozzjoni li kienet irċeviet l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Semmiet li għalkemm din kienet riċevuta wara li nħarget l-aġenda, ma tara l-ebda bżonn li titħalla għal-laqgħa oħra.*

*Wara li l-Kunsill qabel ma' din il-proposta, is-Sindku stiedent lill-proponent sabiex iressaq il-mozzjoni.*

*KLZ02/02 Il-Viċi Sindku Mark Spiteri ressaq din il-mozzjoni:*

*"Mozzjoni biex immedjatament il-Kunsill jiikkuntrata biex isir tindif ġenerali f'Triq Wied Ganu partikolarment madwar l-open skip kif ukoll isir embellishment skond wieħed mid-disinji anessi ma' din il-mozzjoni biex jiġi evitat li jintrema aktar skart bl-addoċċ f'dawn l-akwati."*

*Din il-mozzjoni gie issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti.*

*Il-mozzjoni għaddiet nem.con.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv ġie nkarigat jiġbor il-kwotazzjonijiet meħtieġa mingħand kuntratturi privati.*

### *54.4 Progress dwar Proġetti Kapitali*

#### *54.4.1 Uffiċċju Amministrattiv Ġdid*

*Il-Kunsill kien infurmat bir-rapport imħejji mill-Kummissjoni għal Persuni b'Diżabilita dwar l-applikazzjoni mressqa quddiem l-Awtorita ta' l-Ippjanar. Filwaqt li kien hemm qbil li jsiru l-emendi proposti, l-Kunsill irriafferma d-deċiżjoni tiegħu li jitkomplew ix-xogħlijiet interni. Ġew ukoll ippreżentati u approvati l-pjanti emendati.*

*Kienet ukoll imressqa kwotazzjoni għall-frontispizju tal-faċċata li kienet tlaħħaq għal madwar Lm 800. Kien innotat li kien hemm ukoll il-bżonn li jsiru xogħlijiet strutturali fuq il-bejt sabiex ikun jista jsir arblu f'dan il-post.*

#### *54.6.11Kisi bit-tarmakk ta' diversi toroq - l-ewwel fażi*

*Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsill li l-kumpanija Alfred Schembri & Sons infurmatu li x-xogħlijiet li saru fl-area magħrufa bħala Tal-Bebbux 2, flimkien ma' Triq San Mikiel, kienu ser jiswew madwar Lm 55,000. Informa wkoll lil Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma ħarġet l-ittra ta' aċċettazzjoni għal Triq San Mikiel, fejn ix-xogħlijiet mistennija li jinbdew fi ftit tal-jiem oħra.*

*Il-Kunsill ġie wkoll mgħarraf li kien intlaħaq ftehim mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma dwar xogħlijiet ta' re-instatement ħażin ta' triq għal trinek tas-servizzi ta' l-ilma. Dan billi l-Korporazzjoni qablet li tirrifondi lil Kunsill is-somma ta' Lm 4837.50c għal dawn ix-xogħlijiet li jkopru l-perijodu Mejju 1998 u Mejju 2000.*

#### *54.4.3 Kisi bit-tarmakk ta' diversi toroq - it-tieni fażi*

*Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq estimi mħejjija mill-Perit tal-Kunsill għat-toroq tat-tieni fażi kif ukoll l-estimi għal bdil tal-mains b'servizzi mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.*

*Wara diskussjoni mill-Kunsill kien hemm qbil unanimu li jsiru dawn it-toroq b'wiċċ ġdid bit-tarmakk:*

*Triq l-Inginiera, Triq San Leopoldu, Triq il-Fjuri, Triq Kalang Saliba, Triq Alessandru kif ukoll Triq San Luqa, li parti minnha ser tkun bit-tarmakk u parti ohra bl-istencil pave.*

*Mill-estimi mgħoddija dawn ix-xogħlijiet huma mistennija li jiswew madwar Lm 66,800. Din l-ispiża kienet fil-limiti stipulati fl-Estimi Annwali, min fejn jirriżulta bilanċ ta' Lm 63,000 li magħhom trid tiżdied is-somma li ser tiġi rifonduta lill-Kunsill mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.*

***54.6Proposti għall-Estimi Finanzjarji 2002/03***

*Is-Sindku stiednet lil Membri tal-Kunsill iressqu proposti lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati fit-tħejijja ta' l-Estimi għas-sena finanzjarja li tibda mill-1 ta' April, 2002.*

***54.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' xogħlijiet***

***54.6.1 Sistema ta' Dwal tal-Palk ta' l-Iskola Primarja 'B"***
*Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li kienet riċevuta kwotazzjoni mingħand Nexos Lighting Technology li tlaħħaq għal Lm 1300 għax-xogħol relatat mas-sistema tad-dwal biss. L-istess kuntrattur informa lil Kunsill li ma kienx interessat li jagħmel ix-xogħol l-ieħor mitlub fis-sala tal-kumpless ta' l-iskejjel.*

*Il-Kunsill, wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu, unanimament aprova li jikkontribwixxi ammont ta' Lm 650 dlonk li l-Iskola tagħmel tajjeb għal kumplament ta' l-ispiża, u jekk dan ix-xogħol isir mill-istess kuntrattur.*

***54.6.2 Tħawwil ta' siġar u pjanti***
*Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li kienet riċevuta kwotazzjoni mingħand The Garden Shop Nursery Limited sabiex jinxtraw diversi siġar u pjanti biex jiġu mħawwla f'diversi soft areas fil-lokalita li tlaħħaq għal madwar Lm 468.*

*Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni kif imressqa.*

***54.6.11Xiri ta' Bankijiet***
*Il-Kunsill approva li jinxtraw erba bankijiet mingħand Rausi Co.Ltd għal prezz totali ta' Lm 480 biex jiġu nstallati fi Triq Napuljun.*

***54.6.4 Xiri ta' Software***
*Il-Kunsill approva li tinxtara liċenzja oħra tas-software ta' l-LES mingħand Datatrak IT Services Limited għal prezz ta' Lm 136.62c.*

***54.6.11Hosting tal-website***
*Il-Kunsill approva proposta riċevuta mingħand il-MITTS sabiex tiġi miżmuma fuq is-servers tagħhom, il-web site tal-Kunsill għal prezz ta' Lm 80.50c kull 10MB fis-sena u li jinkludi l-faċilita ta' remote updating. Dan il-ftehim hu validu għal sena.*

***54.6.12Rendikont Finanzjarju ta' Attivitajiet***
*Il-Kunsill approva dawn ir-rendikonti finanzjarji:*

55 *Ħarġa għall-Anzjani li ttellgħet fit-23 ta' Ottubru, 2001 bi dħul ta' Lm 355 u nefqa ta' Lm 462.50c;*
56 *Ħarġa għall-anzjani li ttellgħet fl-20 ta' Novembru, 2001 bi dħul ta' Lm 230 u nefqa ta' Lm 217;*

57 *Party tal-Milied għall-anzjani li ttella fl-14 ta' Diċembru, 2001 bi dħul ta' Lm 465 u nefqa ta' Lm 1025; u*
58 *Ħarġa għat-Tfal li ttellgħet fit-28 ta' Diċembru, 2001 bi dħul ta' Lm 102 u nefqa ta' Lm 131.*

*Il-Kunsillier Raymond Grixti nforma lil Kunsill li waqt waħda mill-attiviatjiet li ttellgħu għall-Anzjani kien saret ġabra minn dawk preżenti li kienet mgħoddija lil assoċjazjoni Thorball.*

***58.6.11Tisbieħ tal-Pjazza ta' Bubaqra***
*Il-Kunsill approva li jsiru xogħlijiet ta' tisbieħ f'Bubaqra li jinkludi dwal għall-istatwa tal-pjazza u bankina madwar fl-istess post biex tipproteġiha mit-traffiku.*

***54.6.8 Sinjali u tabelli tat-Traffiku***
*Il-Kunsill approva li titwaħħal mera fi triq il-Kbira faċċata ta' Triq il-Fjuri kif ukoll li jinġieb il-permess mingħand il-Bord tal-Kontroll tat-Traffiku sabiex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku ta' parti minn Triq iċ-Ċombini. Kien approvat li jsiru linji doppji sofor fi Triq San Pietru kantuniera ma' Triq it-Tunnara.*

***54.6.9 Ġnien fi Triq Carmelo Caruana***
*Il-Kunsill kien infurmat li ser isiru xogħlijiet ta' tiswija tal-fence tal-ħadid ta' dan il-ġnien. Kien approvat ukoll li jinbidlu l-fanali ta' l-istess ġnien u li tingħata tibjida ġenerali lil post.*

***54.6.10 Ġnien fi Triq San Pawl***
*Is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat iġib l-informazzjoni meħtieġa dwar l-istadju ta' żvilupp ta' dan il-ġnien mingħand il-Ministeru għall-Ambjent.*

***54.6.11Assisitenza Soċjali***
*Il-Kunsill kien infurmat mis-Sindku li kienet ġiet mitluba assistenza mill-Kunvent ta' Santa Tereża sabiex isir xogħol żgħir ta' manutenzjoni fuq bandli li jintużaw mit-tfal residenti f'dan il-kunvent kif ukoll saret talba sabiex issir safety flooring fl-istess post. Semmiet ukoll li inizjattiva oħra li ttieħdet hi li ser jiġi provdut għal numru limitat ta' siegħat, għalliem li jassisti lit-tfal fil-ħtiġijiet edukattivi li jkollhom, mingħajr ħlas.*

*Il-Kunsill approva li l-manutenzjoni meħtieġa ssir u li jinġiebu l-kwotazzjonijiet sabiex tkun magħrufa l-ispiża għas-safety flooring.*

***54.6.12 Xogħlijiet Oħra***
*Il-Kunsill approva ordnijiet oħra ta' xogħol u akkwist ta' servizzi li saru matul ix-xahar ta' Diċembru u Jannar, li lista tagħhom hi anessa ma' dawn l-minuti.*

***54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskedi ta' Pagamenti***

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra żewġ skedi ta' pagamenti, l-Petty Cash Account għax-xahar ta' Novembru u talba ghal ħlas lura mis-Sindku Antonia Farrugia.*

*KLZ03/02 Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*"B'riżultat tad-diskussjoni li saret, il-Kunsill japprova l-ħlas lura tal-Petty Cash għall-ammont ta' Lm46.66c kif ukoll l-iskedi ta' pagamenti li jlaħħaqu għal Lm8,162.34c kif ukoll it-talba ta' ħlas lura għal spejjeż li għamlet is-Sindku f'isem il-Kunsill."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Emanuel Briffa u approvata nem.con.*

*Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-9.45 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum ____ ta' Jannar, 2002*

*Antonia Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***